MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Numru. 545/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
CLYDE CASSAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clyde Cassar ta' 25 sena, bin Arthur u Carmen nee Wells, imwieled Attard fil-25 ta' Lulju 1977 u li joqghod fl-indirizz St Elaine Court, No 3, Triq Mintba, M'Scala detentur tal-karta tal-identita numru 507677M talli fit-12 ta' Marzu 2002, u fiz-zminijiet ta' wara f'Hal Qormi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar Lm1900 bi hsara ta' Eugenio Buhagiar.

Talli fl-istess cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor minn apparat fotografiku li jiswa madwar Lm1900, proprjeta ta’ Eugenio Buhagiar liema apparat gie fdat jew ikkunsinnat lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza bl-ewwel akkuza assorbita, u wara li rat Art 293 tal-kap 9, Art 22 u 24 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u tordna ai termini tal-Art 24 tal-kap 446 li l-imputat jhallas is-somma ta’ Lm600 lill-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------